29 ta' Jannar, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giovanni Borg *versus* Nunzio Casapinta

**Obligazzjoni — Kawżali — Promessa ta' Donazzjoni.**

*Fin-nuqqas ta' kawżali ma tistax tkun perfezzjonata ebda obligazzjoni jew konvenzjoni, u għalhekk promessa mingħajr kawżali ma tobligax lil min jagħmilha.*

*Jekk imbagħad dik il-promessa tkun saret f'sens ta' liberalità, ma tistax tiġi nfurzata kontra min għamilha; salva l-azzjoni tad-danni.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur, li wara li ppremetta li wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi l-konvenut kien ippromettielu s-somma ta' mitt lira sterlina (£100) bħala rigal kemm il-darba l-konvenut ibiegħ il-fondi li jinsabu tas-Sliema, Dingli Circus, Nelson Flats, u peress illi l-konvenut fil-fatt biegħ dawn il-flats fl-atti tan-Nutar Robert Girard tat-12 ta' Ottubru 1946, u sussegwentement ma wettaqx il-promessa tiegħu li jagħti r-rigal ta' £100 fuq imsemmi, li kien ippromettielu; talab li l-konvenut jiġi minn dina l-Qorti kundannat li jħallsu s-somma ta' £100, rigal lilu promess u dovut in konsegwenza tal-bejgħ ta' Nelson Flats fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-24 ta' Ottubru 1946, u bl-interessi legali minn-notifika ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi ta' l-attur jirriżulta illi ma' tul il-gwerra li għaddiet, u għal ħabta ta' l-ewwel snin, il-konvenut kellu xi flats u kien tħajjar ibiegħhom. L-attur, li kien ħabib tiegħu, daħal għan-nofs, u sar kuntratt għand in-Nutar Ġorġ Pace, fejn l-attur akkwista n-nofs, bil-patt ta' l-irkupru konvenzjonali favur il-bejjiegħ tul ħames snin. Insegwitu l-konvenut, għal ħabta ta' l-1941, ried ibiegħhom per mezz tas-sensal Duminku Fenech, però wara ftit reġa' bdielu u Fenech mar igħid b'kollox lill-attur. Meta l-attur ġie jaf b'hekk qal lil Fenech, li evidentement kien jaf, li huwa kellu nofs dak il-bini, u Fenech infurmah li l-konvenut kien qallu, wara li kien

osservalu dak il-fatt, li huwa (konvenut) kien jista' *meta jrid* johroġ lill-attur barra b'sempliċi ittra uffiċjali in forza tad-dritt ta' l-irkupru li kellu. L-attur, meta ġie hekk informat, qal li ma kienx a konjizzjoni ta' dak il-patt, mar għand in-nutar sabiex jivverifika, sab li kien minnu dak li qal il-konvenut, mar ikkonsulta ruħu, u in segwitu, meta ltaqa' ma' l-attur fl-istabbiliment tiegħu, fejn il-konvenut kien imur spiss l-għaliex kienu ħbieb, qallu li b'dak id-dritt tal-grazzja huwa kien ġie ngannat; u baqa' dejjem iħabbat fuq dan il-punt, tant li l-konvenut, li meta xehed wera li mhux ta' l-istess stamina ta' l-attur, skond ma qal l-attur korroborat mix-xhud Arturo Micallef, li kien fl-istabbiliment u semgħa t-tilwim, qallu li meta jbiegħhom kien sejjer b'kumpens jagħtih £100 rigal. F'dik l-okkażjoni l-bejgħ ma sarx, u l-attur baqa' dejjem idaħħal sehmu tal-kera, anzi *milli jidher wara mar joqgħod* fihom. Żmien ħafna wara, il-konvenut irkuprahom minn għand l-attur, u fir-rivendizzjoni l-attur u l-konvenut ma semmew xejn fuq il-£100. Jingħad però li skond l-attur huwa, *sakemm il-konvenut biegħ dak il-bini definitivament* lix-xhud Scicluna fit-12 ta' Ottubru 1946 fl-attijiet tan-Nutar Robert Girard, semma lill-konvenut il-£100, qal li kien jgħidlu li meta jagħmel il-bejgħ finali u definitiv jagħtihomlu;

Mill-banda l-oħra, il-konvenut, għalkemm jammetti l-fattijiet kollha bejn wieħed u ieħor, jinnega li qatt huwa ppromettta dawk il-£100, u qal ukoll illi, se maj ippromettielu l-għaliex l-attur kien qiegħed jgħid li huwa *ngannah; dana* għamlu għal dik l-okkażjoni fejn kien qiegħed isir tentativ ta' bejgħ per mezz tas-sensal *Fenech*, u dana biss "si et quatenus" għamel dik il-promessa;

Tikkunsidra;

Illi di fronti għal dawn il-provi dina l-Qorti hija konfrontata *bid-dilemma tal-kawżali ta' dina l-pretiża* obligazzjoni, jekk qatt effettivament saret. Jekk *il-konvenut* ipprometta *l*-għaliex l-attur qal li ġie ngannat bl-appożizzjoni tal-patt tal-grazzja, dina l-frodi, se maj, kienet *tipperswadi* lill-attur, raġel ta' l-affarijiet *tiegħu*, jimxi *b'azzjoni oħra, u mhux jaċċetta* promessa ta' rigal. Del resto, peress illi mill-provi li nstemgħu ma jirriżultax dan l-ingann, u l-attur stess ta kors lil dik il-konvenzjoni meta ġie nterpellat mill-konvenut, huwa

diffiċili u riċerkat tgħid li dak ir-rigal kien kumpens jew fissazzjoni *ta' danni*, u b'dana n-nuqqas jista' jingħad li kwindi ma tirriżultax raġuni jew kawżali ta' dak l-obligu ta' passaġġ ta' flus minn parti għall-oħra. Jekk imbagħad il-promessa kienet ta' natura liberali fil-veru sens tal-kelma, l-istess, anki jekk ġiet aċċettata, ma tistax tiġi nfurzata fuq il-kawżali addotta fiċ-ċitazzjoni, apparti l-kwistjonijiet ta' natura formali li jistgħu jqumu; il-għaliex, kif jingħad fir-"Repertorio Ragionato" jew "*Biblioteca di Diritto*" ta' *Sebire u Cateret, tradott* mill-Avukat Rocca, Vol. VI, P. III, voce Promessa di Donare, colonna 1035 :— "*Per altro essa è obbligatoria nel* senso soltanto che il suo inadempimento dà luogo al risarcidei danni, ma non già nel senso che quegli al quale è stata fatta la promessa possa ottenere la sentenza che tenga luogo di donazione. Imperocchè la *giustizia non può* in tal caso supplire la volontà del donante. Non vi può essere donazione forzata, *quantunque possa essere* giudicato il risarcimento dei danni ed interessi pel pregiudizio risultante dall'inadempimento *della* promessa" — kwistjoni li ġiet deċiża f'dana s-sens minn dina l-Qorti fit-2 ta' Mejju 1938 in re "Teresa Bugelli et. vs. Salvatore Gatt" (Vol. XXII—II—81);

Illi f'dik l-istess sentenza ntqal bħala bażi ta' l-assunt li ntqal, u li dina l-Qorti tagħmel tagħha, illi l-elementi essenzjali tad-donazzjoni "sono la spontaneità e la liberalità" ta' l-att tad-donanti, elementi li jiġu neqsin kemm il-darba d-donant *jista' jiġi kostrett jeżegwixxi promessa qabel ma jkun* spontaneament ta l-effett tagħha fil-formi li trid il-liġi;

Tikkunsidra;

Illi se maj dik il-promessa ta' donazzjoni kienet promessa ta' donazzjoni impropria, is-serviġi jew rikonoxxenza jew konsiderazzjonijiet ta' meriti fl-attur mhux biss ma tantx jirriżultaw mill-provi, iżda huma kompletament *assenti fid-determinazzjoni* tagħhom;

Illi, del resto, *fid-dubju d-donazzjoni ma għandhiex tiġi* aċċettata;

Illi kwindi, jekk promessa ta' donazzjoni ma kienetx, u jekk kuntratt kommutativ ma tirriżultax li kienet, huwa leċitu li jiġi mistoqsi "*Cur se obligavit?*" U jekk għal dik irrisposta — apparti n-negazzjoni tal-konvenut — l-attur ma

kieux kapaċi jirrispondi, it-talba tiegħu ma tistax tiġi akkolta, il-għaliex l-attur ma ppruvax l-obligazzjoni kontrattwali, impropprjament imsejħa kawża tal-kuntratt, li fin-nuqqas tagħha ma tistax tkun perfezzjonata ebda obligazzjoni jew konvenzjoni;

*Għal dawna l-motivi;*

*Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad* it-talba ta' l-attur kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż mingħajr taxxa; id-dritt tar-reġistru għall-attur.